MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 25/2012

**Appell Numru: 25/2012**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Dennis Theuma]**
**Vs**
**Deborah Osmond**

Illum, 31 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata Deborah Osmond detentrici tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 233088M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' April 2007 w fis-sena ta' qabel din id-data:
Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika w ristretta (ecstasy), minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika

u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta w r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar, 2012 fejn il-Qorti illiberat lill-appellata mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha fuq nuqqas ta' provi.
Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali minnhu pprezentat fit-23 ta' Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellate u wara li tqis bir-reqqa il-provi f' dan il-kaz issib lill-appellata hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha u tinfliggi l-piena skond il-ligi.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generli:

Illi fil-11 ta' Jannar 2012 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet eneuċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li filfatt wasslet għall-ħelsien tal-imputata.
Illi l-esponent Avukat Ġenerali intavola dan l- appell a bazi ta` dak li jipprovdi l- artikolu 413(1)(ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, inter alia għamlet appreżament żbaljat tal-provi kif miġjuba li filfatt wasslet għall-ħelsien tal-imputata mill-imputazzjoniji kif miġjuba kontriha, u dan għar-raġunijiet segwenti :
Illi fis-sentenza aktar 'il fuq imsemmija l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet illi *"Iżda jekk l-uniku prova li għandha l-prosekuzzjoni huwa dak mistqarr mill-akkużat fl-istqarrija tiegħu mingħajr ma kellu l-opportunita' li jikkonsulta ruħu ma' avukat u għalhekk iħejji d-difiża tiegħu billi ma jinkriminax ruħu fi stadju fejn huwa preżunt li għadu innoċenti, allura iva, dik il-konfessjoni miġjuba bħala prova unika dejjem quddiem il-qorti tal-ġustizzja kontra l-imputat*

*hija leżiva tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u kwindi għandha tiġi skartata."*

Illi, bir-rispett dovut lejn l-Ewwel Qorti, f'każ bħal dan kellha tanalizza jekk il-prova tal-istqarrija setgħetx twassal għas-sejbien ta' ħtija o meno tal-akkużata konsiderando l-leżjoni fid-drittijiet tiegħu li setgħet b'xi mod ivvizjat dak li l-appellata stqarret hemmhekk. Kwindi l-Qorti kellha ssaqsi lilha nnifisha x'effett seta' kellu l-fatt li l-appellata irilaxxa l-istqarrija mingħajr ma kienet assistita minn Avukat u kif dan il-fatt seta' jinfluwixxi fuq il-volontarjeta' tal-istqarrija tal-istess appellata.

Illi billi l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija minħabba l-leżjoni, l-apprezzament tal-provi kif pretiż minnha li tagħmel ma sarx u dan peress li f'ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija miġjuba quddiemha irrispettivament tal-fatt li għażlet li tirritjeni dan id-dokument bħala parti mill-provi fil-każ innifsu konsiderando wkoll li din l-istqarrija kienet finalment ittieħdet skond il-liġi[1] in vigore dak iż-żmien u li permezz ta ġurisprudenża nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bħala l-prova regina[2]. Dan anzi wassal sabiex il-Qorti tal-Maġistrat tat rimedju Hi għall-lezjoni tad-dritt tas-smiegħ xieraq tal-akkużata, xi ħaġa li semmai kellu jkun il-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali. Kull ma kellha tagħmel l-ewwel Qorti kienet li tqis jekk l-akkużata hux lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, ħatja jew le tal-akkużi miġjuba kontriha fid-dawl tal-provi kollha.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, l-argumentazzjoni tal-appellant qed jiġi sostnut ukoll in linea tal-artikolu 349(2) tal-Kodiċi Kriminali li jaqa taħt it-titolu dwar is-setgħat u d-dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva fil-proċedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-teħid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assitenza legali. Dan l-artikolu jinqara kif ġej:

**349**.*(1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk is-setgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi,*

---

[1] Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.

[2] Pulizija vs Richard Borg deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002, '*Hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b'biza, jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu.(Art. 658 Kap.9)*'

*u f'din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.*
*(2) L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m'għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.*

Kwindi jekk qedgħin nikkonċedu li l-appellata ma ngħatatx l-opportunita' li tikkonsulta ma' avukat u minħabba f'hekk poġġiet lilha nnifsha f'posizzjoni preġudikanti li setgħet tinkriminaha u li kwindi wasslet għall-leżjoni tad-drittijiet tagħha, tali ommissjoni ta' formalità jew ħtieġa, mhuwiex ostakolu għall-ammissibbilità tal-provi u kwindi l-Qorti ma setgħetx ma tapprezzax din il-prova u sempliċiment tiskartha' minħabba n-nuqqas tal-preżenza tal-Avukat fil-*pre-trial stage,* iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-liġi ta' dak iż-żmien li din issir *ad obligatem*. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli tħares xi waħda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli għan-nuqqasijiet da parti tagħha iżda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas tagħhom il-prova li tkun inġabret fiha nnifisha tispiċċa fix-xejn.
Illi kien għalhekk li l-ewwel Qorti kellha tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tapprezza l-piż jew pern tagħha fid-dawl tal-lezjoni. Meta sempliċiment skarat il-prova tal-istqarrija a bażi tal-leżjoni tad-dritt fundamentali, mingħajr lanqas ma kkunsidrat u analiżżat il-kontenut tagħha, l-ewwel Qorti għamlet il-kontra ta' dak li tisħaqq id-disposizzjoni hawn fuq ikkwotata.
Illi ma huwiex il-kompitu ta' l-ewwel Qorti li tirrimedja flok il-Qorti Kostituzzjonali speċjalment minħabba l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali tista' tirrikonoxxi ksur tad-drittijiet fundamentali mingħajr ma tirrimedjaħ (*just satisfaction*). Din iċ-ċirkostanża filfatt irriżultat fil-kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet *Pulizija vs Noel Arrigo et* fejn dik l-Onorabbli Qorti ddeċidiet li kien hemm leżjoni iżda ma tat l-ebda rimedju effettiv apparti li *'titqiegħed kopja ta' dan il-ġudikat fl-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet 'Pulizija vs Dr. Noel*

*Arrigo LL.D. et illi fiħ ir-referenża kostituzzjonali odjerna'*.[3] Effettivament allavolja ġiet iddikjarata din il-lezjoni, il-każ kontra l-akkużati Arrigo u Vella kompla skond il-liġi penali u sa fl-aħħar ġew misjuba ħatja u ġġudikati mill-Qrati penali u konfermati f'istadju ta' appell fil-każ tal-Prim Imħallef emeritus Noel Arrigo. Ma kien hemm l-ebda jedd da parti tal-Qorti Kriminali jew penali li tipprovdi rimedju flokk il-Qorti Kostituzzjonali għas-sentenża ta' leżjoni mogħtija mill-istess. Il-leżjoni ġiet rikonoxxuta u l-proċeduri tkomplew skond il-liġi minn hemmhekk il-quddiem.
Illi kwindi jidher ċar li mhux talli sar appreżżament ħażin tal-provi miġjuba iżda li saħansitra l-Qorti naqset kategorikament li tqis il-provi kollha miġjuba quddiema kif kienet pretiża li tagħmel skond il-liġi, u liema nuqqas wassal għall-liberatorja inġustifikata tal-appellata li finalment kienet ammettiet għall-akkużi miġjuba kontriha di *sua sponte*. In-nuqqas ta' apprezzament ta' l-ewwel Qorti u l-konklużjonijiet għas-sentenża liberatorja Tagħha indubjament ma jirrappreżentawx apprezzament siewi tal-provi prodotti li kwindi ma jiġġustifikawx il-konklużjonijiet tas-sentenza appellata.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellata, tfajla ta' 18 –il sena ghamelt xi zmien tghix mal-boyfriend taghha Jason Cassar. F'April, 2007 Cassar gie lura minn Brussels b'bagalja sewda illi gie ntercettat mill-pulizija fejn f'din il-bagalja nstabet kwantita kbira ta' pilloli ecstasy. Il-pulizija arrestaw ukoll lill-appellata u fl-istqarrija taghha ammettiet illi xi sena qabel ippruvat il-pilloli ecstasy, pero' nnegat illi kellha x'taqsam ma dik il-bagalja illi gab mieghu Cassar mill-esteru. L-unika prova illi l-pulizija kellha fil-konfront ta' l-appellata kienet l-istqarrija illi ttiehdet fi zmien meta ma kienx gie moghti d-dritt illi persuna arrestata tikkonsulta ma avukat fil-bidu ta' l-arrest taghha. L-Ewwel Qorti fis-Sentenza taghha moghtija fid-9 ta' Jannar, 2012 strahet fuq il-gurisprudenza dak iz-zmien u cioe' Il-Pulizija vs

[3] Qorti Kostituzzjonali, Onor Imħallef Anton Depasquale, Onor Imħallef Albert J. Magri u l-Onor Imħallef Geoffrey Valenzia, deċiża fid-29 ta' Ottubru 2003.

Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Mark Lombardi u il-Pulizija vs Ezron Pullicino u ddikjarat illi n-nuqqas ta' assistenza legali kien leziv id-dritt fundamentali tal-bniedem kif sancit bl-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni u peress illi ma rrizultawx xhieda ohra oltre din l-istqarrija ddikjarat lill-appellata mhux hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghha. L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. Argumenta illi l-Ewwel Qorti kellha ssaqsi lilha nnifisha x'effett seta' kellu l-fatt li l-appella rrilaxxat stqarrija minghar ma kienet assistita minn avukat u kif dan il-fatt seta' jinfluwixxi fuq il-volontarjeta ta' l-istqarrija ta' l-istess appellata.

Ikkunsidrat.

Dan l-argument isib konfort fil-kawza Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali sede Appell fit-8 ta' Ottubru, 2012, fejn fost affarijiet ohra qalet, *"Li ghandha taghmel din il-Qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas (ta' assistenza legali) iwassalx ghal ksur tal-jedd tas-smieh xieraq u jekk tinholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta me kellux jinstab hati jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."* Aktar il-quddiem fl-istess Sentenza inghad, *"Illi l-Imhallef togat sejjer iwissi lill-Gurati li joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra, u li l-Imhallef sahansitra jista jwissi lill-Gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda li l-istqarrija ttiehedet bi vjolenaza, qerq jew b'theddid .....".* Jinghad mill-bidu nett illi ma hemm bl-ebda prova li l-istqarrija hija vizzjata b'xi wahda minn dawn l-incidenzi, ghalhekk il-Qorti trid tinvestiga jekk inholoqx il-periklu illi l-appellanta setghet tinstab hatja meta me kelliex hekk tinstab. Biex tghinha f'dan l-ezercizzju l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sede Ghawdex fit-18 ta' Gunju, 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Paul Cutajar fejn il-Qorti qalet, *"Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha*

*twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija."*

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress li ma hemm l-ebda xhieda ohra ma xiex setghet tikkorrobora din l-istess stqarrija. Irrizulta illi l-appellata kienet tfajla ta' 18 il-sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija nkonnessjoni ma reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-intervista taghha mal-pulizija illi ammettiet illi hadet id-droga ecstasy xi sena qabel l-intervista. Veru illi fl-istqarrija hemm imnizzel illi l-appellata giet moghtija l-caution, imma kemm kienet effettiva din it-twissija jew kemm fehmitha stante l-eta' tenera taghha f'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti ferm tiddubita. Ghalhekk irrizulta illi l-unika prova illi resqet il-prosekuzzjoni kontra l-appellata hija l-istqarrija u darba din ma tinsabx korroborata minn xhieda ohra jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss. Terga din il-Qorti jidhrilha illi bhala tfajla ta' l-eta' ta' 18 il-sena, ghad illi din hija eta' maggioritarja, l-appellata kellha titqies bhala persuna vulnerabli illi facilment kienet impressjonata bil-prezenza tal-pulizija u l-fatt illi kienet qed tigi nterrogata minnhom. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet ricenti l-Ewwel Qorti ghamlet sew li skartat l-istqarrija u peress li ma kienx hemm provi ohra waslet ghal liberatorja ta' l-appellata. Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha waslet ghal konkluzjoni gusta u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------